**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 359/2019 AGV**

**AB (ID nru:513976M)**
**Vs**
**CB (ID nru :429789M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Awwissu 2019, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil- 31 ta' Ottubru 1998, u dan kif jirrizulta mic-certikat taz-zwieg li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg twieled tifel jismu D li llum ghandu 17- il sena.

3. Illi l-partijiet ilhom separati de jure mill-1 ta' Lulju 2004, b' kuntratt ta' separazzjoni vigenti benjniethom fl-atti tan-Nutar Dr. Isabella Gonzi, kopja ta' liema qed tinsab mmarkata hawnhekk bhala Dok B;
4. Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kontendenti ddekadew reciprokament mid-dritt ghal manteniment minghand xulxin;
5. Illi l-manteniment tal-minuri dejjem thallas mill-intmiat. In olte' ma hemmx arretrati dovuti ir-rigward tal-ispejjez edukattivi tal-minuri li skont l-istess kuntratt ghandhom jithallsu mill-intimat;
6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
7. Ili in sostenn ta' dan l-esponenti qieghda tipprezenta affidavit taghha li qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok C;
8. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi ma hemmx l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg;
9. Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li fid-dawl ta' dan id-divorzju hija tixtieq tassumi mill-gdid il-kunjom taghha ta' xebba, u cioe' E;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

1. Tipprunonzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-artikolu 66 D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex effetivament tassumi mill-gdid kunjom taghha ta' xebba u cjoe' E;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imohhli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Skont verbal datat 26 ta' Settembru 2019, il-konvenut qed jiddikjara li qed jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet kollha u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li l-esponenti tirriverti lura ghall-kunjom xbubitha cjoe' Bonnett.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep. Reg.**